**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 263**

It-Tlieta, 15 ta’ Ottubru 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**PREŻENTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor Alison Zerafa Civelli kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

L-Onor. Stephen Spiteri kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 262 li saret fl-14 ta’ Ottubru 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4277 Rapport dwar il-parteċipazzjoni tal-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Joe Giglio fil-31 Laqgħa Annwali tal-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) li saret f’Bucharest, ir-Rumanija bejn id-29 ta’ Ġunju u t-3 ta’ Lulju 2024;

P.L. 4278 Opinjoni Finali li s-Sedja rċeviet mill-Uffiċċju tal-Ombudsman ai termini tal-artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, fuq ilment ta’ persuna dwar rifużjoni ta’ multa mil-Local Enforcement System Agency (LESA) bir-referenza OMB-24-4740 datata 15 ta’ Ottubru 2024; u

| | |
|---|---|
| P.L. 4279 | Opinjoni Finali li s-Sedja rċeviet mill-Uffiċċju tal-Ombudsman ai termini tal-artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman, fuq ilment ta' persuna dwar ħlas għal vjaġġar bil-baħar bejn Malta u Għawdex, bir-referenza OMB-24-4958 datata 15 ta' Ottubru 2024. |

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.27 p.m. il-Kamra kienet sospiża minħabba diżordni u rriżumiet fl-4.32 p.m.

L-aħħar mistoqsija kienet numru 19395 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TALBA GĦAL RULING

L-Onor. Alex Borg talab ruling mis-Sedja dwar diskors indirizzat lejh mill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-Onor. Clint Camilleri waqt li kien qed iwieġeb mistoqsija supplimentari li saret minnu dwar il-Qorti ta' Għawdex.

Is-Sedja ħadet nota tat-talba tal-Onor. Alex Borg u informat li kienet se tagħti deċiżjoni fi stadju ulterjuri.

## TQEGĦID TA' KARTI

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 4280 | Skeda datata Jannar 2021 li tagħti lista ta' dawk li tefgħu offerta għat-tender ta' post fix-Xgħajra biex jintuża bħala bar u restaurant, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21711; |

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 4281 | Tabella li turi tagħrif dwar l-ammont ta' fondi vvutati fil-Baġit għall-Videogaming Grant Scheme, maqsuma skont il-kumpaniji, għas-snin bejn l-2019 u l-2023, u dokument bl-isem Malta's Vision Video Games Development and ESports, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21768; |

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

| | |
|---|---|
| P.L. 4282 | Organigramma tat-tmexxija tal-Korp tal-Pulizija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19399; |
| P.L. 4283 | Organigramma u tabella li jagħtu tagħrif dwar it-tmexxija tal-Forzi Armati ta' Malta (AFM), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 19400; |
| P.L. 4284 | Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13 – Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru , bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21020; |

P.L. 4285 Tabella li turi tagħrif dwar nisa fl-impjieg maqsuma f'Maltin u barranin, u skont it-tip ta' impjieg, sal-aħħar ta' April 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21038;

f'isem il-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4286 Pjanta ta' fejn ser titpoġġa l-latrina pubblika f'Baħar iċ-Ċagħaq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21732;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4287 Tender for the provision of Monitoring and Enforcement Services for the Environment and Resources Authority (CT2389/2020) maħruġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti fl-2020, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21152;

P.L. 4288 *L-Istrateġija ta' Malta għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050* – Verżjoni għat-Tfal maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir fl-2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21154;

P.L. 4289 Stqarrija mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi (PR241361) datata 26 ta' Awwissu 2024 bl-isem *Miexi x-xogħol għall-bini mill-ġdid ta' triq rurali ġewwa Chadwick Lakes*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21348;

P.L. 4290 Artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fil-15 ta' Ottubru 2024 bl-isem ''Deliberate' blockage causes sewage overflow on popular Birżebbuga beach' u artiklu li deher fuq is-sit online *maltatoday* fid-9 ta' Ġunju 2024 bl-isem 'Birżebbuga beach closed after sewage overflow due to discarded nappy', bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21714;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4291 Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 666 bl-isem *Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva* tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490) ippubblikat fl-4 ta' Ġunju 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20806;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4292 Tabella li turi tagħrif dwar il-proġetti li saru fl-iskejjel Maltin maqsuma skont l-iskola, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21155; u

f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4293 Tabelli li jagħtu n-numru ta' infermiera fl-isptarijiet u r-residenzi tal-Gvern maqsuma skont l-isptar u skont in-nazzjonalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20952;

P.L. 4294 Tabelli li jagħtu n-numru ta' tobba fl-isptarijiet u r-residenzi tal-Gvern maqsuma skont l-isptar u skont in-nazzjonalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 20953; u

P.L. 4295 Tabella li turi tagħrif dwar kuntratturi li għamlu x-xogħol ta' rinnovazzjoni f'Dar il-Mistrieħ, il-Furjana, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21651.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4296 Tagħrif dwar l-ispiża li saret biex ittellgħet l-Agri Fair 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21662; u

P.L. 4297 Lista ta' parteċipanti/esebituri li ħadu sehem fl-Agri Fair 2022 u fl-Agri Fair 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 21663.

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia, f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 4298 Pjanta li turi żona mill-Kalkara fl-akkwati tal-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Kalkara, bi tweġiba għall- mistoqsija parlamentari numru 21142.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IS-SWIEQ FIL-KRIPTOASSI - ABBOZZ NRU 107**

Il-Kamra rriżumiet mill-10 ta' Lulju 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Swieq fil-Kriptoassi.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Clyde Caruana.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għar-rekwiżiti applikabbli għal offerti lill-pubbliku u ammissjoni għan-negozjar fuq pjattaforma ta' negozjar ta' tokens irreferenzjati ma' assi, tokens tal-flus elettroniċi, kriptoassi oħra, u r-rekwiżiti applikabbli għal forrnituri ta' servizzi tal-kriptoassi" nqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Finanzi, l-Onor, Clyde Caruana, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Carmelo Abela ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD – ABBOZZ NRU 109**

Id-Deputy Speaker qara lill-Kamra dan il-Messaġġ mingħand il-President ta' Malta mgħoddi lilu mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo.

**MYRIAM SPITERI DEBONO**
**PRESIDENT TA' MALTA**

Il-President, wara li kienet informata dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kap. 425 u biex jipprovdi għal rappreżentanza aktar xierqa tad-diversi tipi ta' sajd fuq il-Bord tas-Sajd u sabiex jagħti effett għal emendi oħra dwar l-istess bord", tirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

26 ta' Settembru 2024

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali ppropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kap. 425 u biex jipprovdi għal rappreżentanza aktar xierqa tad-diversi tipi ta' sajd fuq il-Bord tas-Sajd u sabiex jagħti effett għal emendi oħra dwar l-istess bord".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, l-ewwel kelliem tal-Oppożizzjoni kien se jagħmel id-diskors tiegħu f'seduta oħra.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Anton Refalo u l-Onor. Robert Cutajar.

## FTEHIM TAL-KAMRA

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li skont ftehim milħuq, id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi – Abbozz Nru 109 – kellha tiġi interrotta f'dan l-istadju, il-Kamra tgħaddi għall-item li jmiss fuq l-aġenda, ċjoè l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali – Abbozz Nru 111 – u d-diskussjoni fuq iż-żewġ Abbozzi msemmija titkompla fis-seduta tal-għada.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

Fil-5.51 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata skont il-ftehim verbalizzat.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI - ABBOZZ 111

Il-Kamra rriżumiet mill-14 ta' Ottubru 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Carmelo Abela.

Fis-6.38 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata, skont il-ftehim verbalizzat.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni ta' Proċedura dwar id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2025

Mozzjoni ta' Proċedura li tirregola s-seduti tal-Baġit għas-sena 2025

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Abbozz 111) | Tieni Qari (Kont. |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 112 – Ordni tal-2024 li Jwaqqaf Xjenza Malta bħala Aġenzija | Kontinwazzjoni |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u r-Riabilitazzjoni ta' Persuni fis-Soċjetà | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Postali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji relatati mad-Droga | Tieni Qari |

------------

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Albert Buttigieg u mill-Onor. Ivan Bartolo.

Fis-7.13 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 16 ta’ Ottubru 2024, fl-4.00 p.m. kif ikkomunikat mill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**